Raħal il-Letteratura
Ir-Rabat

IL-GAZZETTA
# LETTERARJA

FRAR 2022 | ĦARĠA 03



## Kultant inkun irrid nieqaf

LEANNE ELLUL

Kultant ma jiġix kollox kif nixtieq. Kultant jiġi kollox fuq xulxin. Kultant inkun nixtieq kollox jieqaf, jew nieqaf, jien, għal ftit. Imma mqar fil-mumenti li nosserva u naħseb, mhux kollox ikun wieqaf għalkollox. Bħax-xogħol fuq *Raħal il-Letteratura*; ma jiqafx. Minn wara l-kwinti, jien u sħabi, konna qed naqraw kitbiet ġodda marbuta mar-Rabat, konna qed interrqu l-passi mal-akkwati li l-iktar iżuruhom in-nies, konna qed nisimgħu u nosservaw kif jimxi l-pass ta' belt f'pandemija. Kultant ninsew li l-kitba tibda mal-ħsieb, li l-ħsieb jitwieled mill-osservazzjoni ta' test, ta' sors jew tal-madwar, li l-osservazzjoni titlob daqstant impenn. U hawn aħna b'gazzetta oħra, xhieda ta' kontinwità, xhieda ta' karattru, xhieda ta' klima li fiha l-kelma magħżula nibqgħu nittamaw li tippersisti. ■

# Hemm kruha li ma rridx ninsa

L-EDITORJAL

CLARE AZZOPARDI

**WAQT IT-TAĦDITA *LETTERATURA MSAKKRA* ORGANIZZATA WAQT IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB FL-2020, IMMANUEL MIFSUD U TONI SANT TKELLMU DWAR IL-MEMORJA U X'JIMMOTIVANA BIEX NIRRAKKONTAW L-IMGĦODDI. IL-MOTIVAZZJONIJIET TAGĦHOM HUMA DIFFERENTI, ANZI OPPOSTI. FILWAQT LI IMMANUEL MIFSUD IĦOSSU "KKALZRAT" MAL-IMGĦODDI TANT LI MA JEMMINX WISQ FIL-FUTUR U JIRRAKKONTA EPISODJI MILL-PASSAT B'NOSTALĠIJA KBIRA, TONI SANT MA JEMMINX FIL-PASSAT U JINTERESSAH IKTAR IL-FUTUR.**

Din il-gazzetta hija żbilanċjata bi skop.

Minn banda għandna numru ta' kontributuri li qed jirrakkontaw b'passjoni stejjer minn tfulithom – Jesmond Sharples imur lura għall-ewwel snin tal-primarja u t-tim tal-futbol tal-iskola tiegħu bi plejer li sar magħruf sew meta kiber; Graziella Attard tikteb dwar ir-relazzjoni sabiħa li kellha man-nannu Neriku, il-qalb kbira u d-dedikazzjoni li kellu għax-xogħol. Għandna wkoll tieqa mbexxqa fuq il-ħajja ta' Concetta Brincat u r-rumanzi li kitbet (u qatt ma ġew ippubblikati) fl-1919 u fl-1921. Min mhux imxennaq għalihom?

Mill-banda l-oħra għandna l-arti ta' Shaun Grech. M'hemm xejn sabiħ u Romantiku fiha. M'hemm xejn nostalġiku. Tirrappreżenta biss il-kruha. Fiha nara l-kruha tas-soċjetà li qed ngħix fiha, id-diżappunt fl-awtoritajiet, l-attakk kontinwu fuq l-ambjent, ir-razziżmu u d-deumanizzazzjoni tal-ieħor, l-oħra, l-oħrajn. Meta noħroġ mill-għatba tal-bieb 'il barra nara kollox ta' taħt fuq. U għalhekk għażilt din l-arti ta' Shaun Grech. Biex ma ninsiex il-kruha li tiċċirkondani. Biex ma ninsiex li ftit tax-xhur ilu kien hemm grupp ta' nies fid-daħla tal-Belt iħeġġu lil ġuvni jaqbeż bit-tama li jagħmlu spettaklu bih. Biex ma ninsiex li ftit tal-ġimgħat ilu kien hemm tfajla li ħarġet titma' l-qtates u ma daħlitx lura d-dar. ■



*© Pittura ta' Shaun Grech*

# L-iskejjel ta' tfuliti

**JESMOND SHARPLES**

1970. Konna għadna kemm erġajna morna noqogħdu r-Rabat peress li d-dar fejn konna noqogħdu fi Triq tal-Virtù kienet twaqqgħet u reġgħet inbniet. Għal sentejn sħaħ għexna Birkirkara maz-zija t'ommi u għall-Year 1 kont attendejt l-iskola ta' St. Francis. L-unika tifkira li għad għandi minn dik is-sena hija l-lunch li kienet tlestili ommi ta' kuljum. Kemm kont nieħu gost nieklu!

Lura r-Rabat. Niftakarni sew tiela' t-taraġ tal-iskola kantuniera fi Triq il-Kulleġġ, fejn kont se nattendi l-Year 2. Taraġ daqsiex u imponenti u li kellu jwassalna għall-klassi ta' Miss Vassallo. F'din il-klassi li kellha bieb kbir bi ħġiġiet żgħar konna nkunu erbat itfal fuq kull mejda. Bla ma kelli l-iċken ħjiel, waħda mit-tfal f'din il-klassi kienet Catherine li mbagħad ltqajt magħha iktar tard u żżewwiġna 19-il sena wara. L-unika evidenza forensika li għandi ta' dan hu r-ritratt iswed u abjad li konna nieħdu darba fis-sena mal-għalliema u li fih ippużajna puliti u dritti bħala klassi sħiħa.

Mill-Year 3 sal-Year 6, l-iskola primarja fejn kont immur, kienet f'nofs it-telgħa ta' Triq Kola Xara. Kont immur bil-mixi. Fi Triq il-Buskett, fejn il-ħanut ta' Pampeli, kien ikun hemm pulizija fil-ħinijiet tal-iskola biex jgħin lit-tfal jaqsmu t-triq peress li minn hemm kienu jgħaddu l-karozzi għalkemm mhux daqs illum. Tant hu hekk li fis-sajf filgħaxija konna nilagħbu l-passju fuq ix-xorok tax-xelter fi Triq Santa Roża, ħaġa li llum lanqas biss toħlom li tagħmilha. L-iktar li niftakar minn dan iż-żmien tal-primarja huma l-aħħar sentejn. Dak iż-żmien kien hemm speċi ta' sistema ta' streaming għall-istudenti li kienu jitqassmu skont l-abbiltajiet tagħhom. Kien hemm għalliema magħrufa li kien ikollhom dejjem l-aħjar klassijiet.

Fis-sitt sena (1974/75) niftakar li fil-klassi li konna fiha kien hemm iż-żerriegħa tat-team tar-Rabat Ajax FC li mbagħad rebaħ il-kampjonat premier fl-1984-6, bi plejers bħal Carmel Busuttil, u oħrajn. Fil-fatt dik is-sena konna rbaħna (mhux bis-saħħa tiegħi, ovvjament) il-kampjonat tal-iskejjel primarji u rbaħna kontra l-iskola ta' Ħal Qormi San Bastjan xi 8-0 taħt il-gwida tal-isports master, is-Sir Bartolo. Diffiċli tinsa avveniment bħal dan!

Fl-istess sena konna qed nippreparaw għall-eżamijiet kompetittivi għall-iskejjel tal-Knisja u l-għażla naturali ta' ħafna f'dik il-klassi kienet li napplikaw għall-Kulleġġ ta' Sant'Agata. Għamilt l-eżami biex dħalt u ntgħażilt mal-ewwel ħamsin. Kont kuntent u għamilt ħbieb ġodda barra dawk li kienu ġew miegħi mis-sitt sena tal-primarja. Fost l-affarijiet li niftakar kien li lħaqna l-iskola l-ġdida tinbena u li mbagħad żanżannieha f'Ottubru tal-1976. F'dik is-sena min jaf kemm-il break qattajna taħt xi siġra kbira mingħalina l-Famous Five ta' Enid Blyton qed insolvu xi misteru. Ma tantx konna ndumu għax malajr kienet iddoqq il-qanpiena … u hekk ukoll taru malajr dawk il-ħames snin li għaddejna fis-sekondarja. Inġorr bosta memorji ta' dawn is-snin, ħames snin li kienu kritiċi għall-formazzjoni tiegħi u ta' dak li jien illum. ■



© Pittura ta' Shaun Grech

# In-nannu Neriku

**GRAZIELLA ATTARD**

L-isbaħ memorja li għandi tiegħu hija meta libes il-libsa intiera biex jiġi l-gradwazzjoni tiegħi. Kont inħobbu ħafna n-nannu u kellna relazzjoni tajba immens. Għadni nżomm diversi tifkiriet tiegħu, nimmissjah ħafna u ma tgħaddix ġurnata waħda li ma naħsibx fih. Kif qatt tista' tinsa raġel ġeneruż, kuraġġuż u b'qalb tad-deheb? Qatt u qatt. Għadu u jibqa' miegħi għal dejjem, anki jekk mhux fiżikament. L-unika dispjaċir li għandi huwa li binti ma kellhiex ix-xorti tiltaqa' miegħu imma naf fiċ-ċert li se ngħaddilha l-iktar valuri sbieħ li tant kien jemmen fihom … id-dixxiplina u l-bżulija. Dejjem għallimni li jekk naħdem u nistinka, il-ħolm tiegħi isir realtà. Bħalma ġara lilu …

In-nannu tiegħi kien jismu Neriku, kien miżżewweġ lil Marija u kellhom sebat itfal, bosta neputijiet u proneputijiet. Kien magħruf ħafna r-Rabat u kulħadd kien jafu bħala Neriku tal-Pastizzi. In-negozju fil-familja jmur lura għal diversi snin. Fil-fatt missier in-nannu kien diġà beda bil-pastizzi u mbagħad in-nannu kompla warajh wara li miet. In-nannu kellu żewġ ħutu oħra li kienu jagħmlu l-pastizzi wkoll. Oħtu kienet fetħet ħanut il-Ħamrun u ħuh kien bena forn u fetaħ ħanut tal-pastizzi ż-Żejtun li għadu popolari sal-lum. In-nannu kien perfezzjonist ħafna fix-xogħol u dejjem ra kif il-prodott finali jkun iqarmeċ, b'togħma tajba u sodisfaċenti. Għex u trabba r-Rabat u baqa' famuż għat-tjubija li kien ikollhom il-pastizzi tiegħu.

In-nannu kien iħobb ħafna l-familja u l-Ħadd kien dejjem jara kif jagħmel biex kulħadd jiekol flimkien. Kien dilettant tal-pjanti u s-siġar u kien iħobb ħafna l-annimali fosthom il-fniek, l-għasafar, u l-klieb tal-but. L-annimali kienu l-mimmi t'għajnejh u baqa' jħobb u jrabbi l-klieb sa ma kellu 83 sena. Kien dħuli, ċajtier, ġeneruż u kellu karattru li jaf jaddatta ruħu man-nies minn kull sfera fis-soċjetà. Kull filgħaxija, wara l-quddies kien imur jieħu tazza te minn ġo ħanut tat-te fil-pjazza u joqgħod jitkellem man-nies tar-raħal li tant kien għal qalbu. Rabti minn dejjem u kburi li kien Rabti. Għalih ir-Rabat kien dak li sawru u qatt ma telqu. Il-legat tiegħu issa qiegħed f'idejn wieħed min-neputijiet u l-pastizzi ta' Neriku għadhom magħrufa u mfittxija. ■

# Il-mitt sena ta' Concetta Brincat

**ADRIAN GRIMA**
***Editur, Sensiela Concetta Brincat***

F'Ottubru tal-1919, ftit xhur wara r-rewwixti tas-Sette Giugno, Concetta Brincat lestiet l-ewwel rumanz tagħha ambjentat f'Pariġi ta' żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża li bdiet fl-1789. Kitbitu bil-Malti fuq 31 pitazz tal-iskola. Ir-rumanz baqa' ma ħariġx u ħadd, għajr il-membri tal-familja tagħha, ma sar jaf bih.

F'dak iż-żmien il-qarrejja Maltin kienu mlebilbin għat-tip ta' rumanz li kitbet hi. Awturi bħal Emilio Lombardi ħarġu għexieren ta' rumanzi bil-Malti, ħafna minnhom traduzzjonijiet ta' rumanzi popolari bit-Taljan. Awturi bħalu u bħal Giuseppe Cumbo u Arturo Dimech kienu awturi, tradutturi, pubblikaturi u distributuri u kellhom f'idejhom l-industrija tar-rumanz popolari bil-Malti. Ir-rakkonti tagħhom kienu joħorġu biċċa biċċa, sittax-il faċċata kull darba, u jitqassmu bieb bieb lil dawk li kienu jkunu "assoċjati" jew abbonati.

Ir-rumanz li kitbet Concetta Brincat kien jixbah ħafna, fil-ġrajja u l-istil tiegħu, lil dawn ir-rumanzi popolari tal-faxxikli. Tliet snin wara, fl-1922, lestiet it-tieni rumanz tagħha, bil-Malti wkoll. Imma lanqas dan ma ġie ppubblikat. Mir-riċerka li għamilt nasal ngħid li ż-żewġ rumanzi huma xogħlijiet oriġinali. Ma naħsibx li huma traduzzjonijiet jew addattamenti ta' xogħlijiet ta' ħaddieħor. Jaf qed niżbalja u maż-żmien insibu rakkonti simili li juru mod ieħor. Imma sal-lum ma sibt ebda evidenza li r-rakkonti ħadithom minn ta' ħaddieħor.

L-ewwel rumanz jismu *Il-Familja de Valereux jew Louis Mitluf Ġewwa l-Bosk* u fih, bħal fit-tieni wieħed, il-karattri nisa għandhom ċerta prominenza. Ittajpjatu r-riċerkatriċi Maria Simiana, Reno Fenech daru għall-ortografija, u issa, mingħajr ma biddilna xejn minn dak li kitbet Brincat, bdiet l-aħħar fażi tal-proċess biex inħejjuh għall-pubblikazzjoni mill-Klabb Kotba Maltin.

It-tieni rumanz, *Is-Saħħara Nerelis*, huwa ġrajja mistħajla ta' żmien l-Imperatur Ruman Neruni li kien għadu kbir tal-Insara, suġġett importanti għall-awtriċi. Hemm riferiment għal Neruni u l-persekuzzjoni tal-Insara diġà fil-prologu tal-ewwel rumanz. F'dan il-każ, ix-xogħol tal-editjar għadu fil-bidu.




*© Pittura ta' Shaun Grech*

Dawn huma l-ewwel rumanzi bil-Malti miktubin minn mara li nafu bihom, kważi erbgħin sena qabel *Nokkla Sewda* ta' Mary Meylak li ħareġ fl-1958. Nissuspetta li qatt ma ġew ippubblikati għax kitbithom mara. Brincat, Karkariża mil-Laqxija, kitbithom fid-dar fejn rabbiet lil uliedha ma' żewġha Mastru Ċens fi Triq il-Knisja, Tas-Sliema, inqas minn ħames minuti mixi 'l bogħod mill-istamperija ta' Emilio Lombardi.

Issa wasal iż-żmien li nagħtuha r-rikonoxximent li jistħoqqilha. ■

Tersaq lejn ix-xifer għax tgħid,
nimlieh bin-nifs, il-pulmun, għax tgħid
b'riħet in-niżla nissaffa, għax tgħid
jekk niżloq ma naħtix,
jaħti ż-żrar,
taħti l-ħamrija li m'għamlitx,
jaħti l-blat issummat
li ma fetaħx għajnejh
imqar għal mument
biex jifhem
dak li ridt ittarraf
bla ma ġġarrab. ■

**KENNETH SCICLUNA**

# Petit Montagnant

**RITA SALIBA**

Ħadt nifs 'il ġewwa. Ġbidt l-arja kemxejn friska t'hawn fuq, ta' Triq Inguanez.

Ipparkjajt il-karozza żewġ toroq 'il bogħod. Daż-żmien ma ssibx wisq fejn. Iżda kienet għażla tiegħi. Ridt nerġa' npassi ftit minn tfuliti f'dit-triq, fejn żanżant iċ-Chopper, nirfes fuq il-bankina li ġrejt fuqha ġirja waħda mill-quddies ta' nofsinhar biex nilħaq l-*Oggi le Comiche* fuq ir-RAI 1 nhar ta' Sibt.

Hemm djar li ma nbidlux wisq, bil-bibien miżbugħin lewn li jmur tajjeb mal-ġebla tal-franka. Id-dar t'ommi nbidlet mhux ftit. Il-bieb ta' barra huwa wieħed komuni għall-blokka tal-fletts li telgħu minflokha. Nitla' indana taraġ u nsib ruħi d-dar mill-ġdid, qalb il-frejms ta' wċuħ jitbissmuli, memorji migrufin fuq l-għamara u l-pjanu sieket waħdu f'tarf il-kuritur.

Ma kellix bogħod għal-lezzjoni tal-pjanu. Minn daqshekk kont ixxurtjat. Qabża mid-dar tagħna għal għandha u kont nasal. Mhux bħal James, Joseph, ma niftakarx eżattament x'kien jismu t-tifel tal-accordion. Dak kien jiġi jimbotta l-istrument fuq pushchair, mit-tarf l-ieħor tar-Rabat. Niftakar b'għożża lil Miss Fiorini li b'paċenzja kbira għallmitni l-ewwel noti tal-mużika. Kont nibża' li nagħmel żball. Mhux għax kienet se ċċanfarni, anzi kienet tikkoreġini bil-ħlewwa iżda ma kontx inkun waħdi. Kif niżgarra nota kont niġġamja. Inħoss mal-ħames pari għajnejn oħra jifluni; tal-accordion kien jintasab ħdejja, tal-vjolin kien jieqaf ħesrem jissemma' u t-tfal l-oħra jaqgħu f'ħemda kattiva. U jien ninfixel aktar.

Id-dar kien ikolli nqatta' ħin twil nipprattika. Miss Fiorini kient tatni l-mużika ta' dik il-melodija, iva qed niftakar, Petit Montagnard. Il-bidu tagħha kien jogħġobni wisq u kont nerġa' u nerġa' ndoqqu. Il-kumplament kont indoqqu kważi bilfors. Jista' jkun, ta' tifel li kont, kont negħja, nixtieq noħroġ nilgħab ma' sħabi fil-parking tal-Verdala. Hemm konna niltaqgħu ċorma tfal, nitilgħu mas-siġar tal-ħarrub u missieri kien ixommni kif nidħol id-dar. Ma kontx nissogra nigdeb, kien jaf tajjeb kif jinxtammu l-imżiewed tal-ħarrub. Ta' sikwit kien imur jiġbor ftit terriċċju minn taħt dawk is-siġar. Imbagħad biex nurih li studjajt kont nintasab nerġa' ndoqq mingħajr ma nagħti kas jekk iniex qed nieħu żbalji. Basta jismagħni ndoqq. Mhux xorta għalih? Imma f'daqqa u l-ħin kont nisma' tektika mal-ħġieġ tal-antiporta, persistenti, awtoritarja. U niġġamja mill-ġdid. Kont niġi f'tiegħi. Nintebaħ li qabditni. Miss Fiorini kienet tismagħni minn darha faċċata tagħna. Widnejha jaqbdu n-noti żbaljati bħal leħħa.

Kif dħalt fiż-żgħożija bridt xi ftit lejn il-pjanu. Bdew interessi oħrajn; ħbieb ġodda, avventuri friski. Is-sajf kienet tortura tivvjaġġa minn ħdejn il-baħar biex tmur għal-lezzjoni tal-pjanu u t-tifel tal-muntanji kellu jintesa mal-pjanu jiġma' t-trab.

Illum il-pjanu jinsab għandi. Nipprova ndoqq iżda titlagħli għoqla. Subgħajja jibbiesu. Tiġi quddiem għajnejja l-ħarsa ta' Miss Fiorini mimlija tama, tħeġġiġni biex nitgħallem, tinkoraġġini. Kif ma ntbaħtx li xtaqitni navvanza? Li naf nafu bis-saħħa tagħha iżda jien biex pattejtilha lura? Tlaqt. Ma komplejtx.

Għollejt l-għatu u messejt it-tastiera. Tektikt erba' noti. Il-pjanu qadim ma tilef xejn mill-ħoss, mill-faxxinu u r-reżonanza. Il-mużika ta' Petit Montagnant nafha bl-amment. L-entratura ħarġet perfetta. Waqaft. Ta' min jipprova jdoqq il-melodija kollha, ħsibt. Subgħajja rħew, komplejt indoqq aktar bil-mod sakemm qbadt ir-ritmu. Rabbejt aktar kunfidenza. Daqqejt mingħajr ma tajt kas l-iżbalji. Bdejt nieħu gost bil-mużika li kienet ħierġa, daqqiet żgarrata, daqqiet ferrieħa u libera, meta ħin minnhom waqaft ħesrem. Subgħajja bbiesu mill-ġdid u għaddiet dehxa ma' ġismi kollu. Ma nafx kontx smajt sew. B'sebgħi wieħed daqqejt żewġ noti oħra, iżda l-ħoss erġajt smajtu. Tektika persistenti tektket mal-ħġieġ tat-tieqa fejn kont u daħħlitni f'qoxorti. ■

Ħsibt li żigarella
twila żżejjed daqs
il-jiem, xorta taf
issibilha t-tmiem.

Imma ġbidt
u bqajt niġbed
u l-kuluri baqgħu ħerġin,
bħal ħajta demm magħqud
li nfarġet minn fejn faqqa'
il-konkos
minn ġerħa li kibret
u nfetħet
u ferrgħet il-ħsejjes
tat-tfal jaqbżu l-baħar
taż-żrar iqarmeċ
tal-ħaxix li dejjem fewwaħ iktar
tal-ħin li ħdar
u sar il-linja li ddawwar ix-xemx,
marsusa bejn l-inżul u t-tlugħ.
Leħħa li tfisser kollox
f'nitfa ta' mument, li tgħodd
kull wieħed u waħda
minn dawk l-elf għaliex,
għal min l-arloġġ waqqfu
u baqa' ma mexiex. ■

**KENNETH SCICLUNA**

# KOMPETIZZJONI

## Nixtieq ...

**ELENA CARDONA**

Nixtieq il-bajtra tiegħi
li tkun minn lewn id-deheb
bit-tikek kbar u suwed
u ħelwa bħall-ġulepp.

Nixtieq il-bajtra tiegħi
tkun forma ta' farfett
bil-qoxra lixxa u ratba
mingħajr tikmix, difett.

Nixtieq il-bajtra tiegħi
tinbidel f'xi ġelat,
granita jew xarba friska,
il-weraq f'xi stuffat.

Nixtieq il-bajtra tiegħi
ikollha fjuri żgħar
bi trufijiet lellux
jew ħomor daqs in-nar.

Nixtieq jasal is-sajf
biex passiġġata mmur
fl-għelieqi, il-kampanja
biex bajtar insib żgur! ■

Il-poeżija ta' Elena Cardona hija mibnija minn kwartini li huma strofi b'erba' versi bit-tieni vers jirrima mar-raba' vers. Li kieku kellna ntuk dawn il-kelmiet mill-poeżija ta' Elena, jirnexxilek tużahom f'poeżija ġdida? Il-kliem huwa dan: deheb - ġulepp, farfett - difett, ġelat - stuffat, żgħar - nar, immur - żgur.

**Ikteb poeżija bil-Malti u ibgħatha fuq contact@maltalit.com sal-31 ta' Marzu 2022.**

Flimkien mas-sottomissjoni għandhom jintbagħtu **isem il-parteċipanti, l-età tal-parteċipanti, l-isem tal-gwardjan jew tal-ġenitur u n-numru tal-mowbajl.**

Il-parteċipanti se jinqasmu f'kategoriji:

- dawk bejn 6–9 snin
- dawk bejn 10–13-il sena
- dawk bejn 14–16-il sena.

Ir-rebbieħ/a ta' kull kategorija jieħu/tieħu sett ta' kotba mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

*Awguri!*

*Stephanie Farrugia tirrakkomanda l-ktieb ...*

**MADNESS OF CROWDS - GENDER, RACE AND IDENTITY TA' DOUGLAS MURRAY**




Ktieb b'relevanza fil-passat, fil-preżent kif ukoll fil-futur. Jiddiskuti suġġetti li ilna nitkellmuhom u li reġgħu saru prominenti fis-snin riċenti. Iġiegħlek titfa' mistoqsijiet lilek innifsek u lejn id-dinja inġenerali fuq punti speċifiċi illi għalkemm hemm minnhom fil-minoranza, saru diskussi ta' spiss madwar id-dinja tal-lum. Speċifikament sess, razza u identità. Għalkemm dak li qiegħed jiddiskuti Doughlas Murray huma suġġetti sensittivi, tinnota kemm fil-Punent għandna kriżi ta' identity politics, kemm hi fundamentali l-libertà tal-espressjoni u li l-fatti fid-dinja tal-lum bħallikieku saru irrelevanti.

***Stephanie Farrugia***
***hija disinjatriċi u fundatriċi ta' SEFFARRUGIA***

*Marija Farrugia tirrakkomanda l-ktieb ...*

**LELLUX U PEPRIN TA' CARMEL G.CAUCHI**




*Lellux u Peprin* huwa ktieb li fih varjetà ta' stejjer u poeżiji. Ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-2020 minn Horizons f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu. Huwa mmirat għal tfal ta' bejn is-seba' u d-disa' snin. Hu miktub b'Malti ħafif u mexxej dwar temi differenti li jolqtu l-gosti ta' kulħadd.

Carmel G. Cauchi mogħni bil-ħila li joħloq karattru minn sempliċiment oġġett u jagħtih il-ħajja. Eżempju ta' dan hija l-istorja "Il-Frott Jargumenta" fejn l-awtur jippersonifika diversi frott waqt argument.

Uħud mill-istejjer iħeġġu lill-qarrejja jħarsu lejn il-ħajja b'mod pożittiv, jiġrilna x'jiġrilna. Oħrajn jagħtuna tagħlima kif għandna nittrattaw lil xulxin. Il-poeżiji ta' Cauchi huma mimlija ammirazzjoni lejn il-ħolqien ta' madwarna u dan inissel il-paċi f'qalb il-qarrejja.

***Marija Farrugia***
***taħdem mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu***

HELA
IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

**Raħal il-Letteratura** qed jittella' minn Fondazzjoni HELA (Hub for Excellence in the Literary Arts) u huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti.

**L-imsieħba tal-proġett**

**Il-gazzetta appoġġjata minn**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu | Heritage Malta | Iniżja Med | L-Arkivji Nazzjonali Malta | Malta Libraries | merlin publishers | Studio Solipsis | malta post

**Kordinatriċi tal-proġett:** Leanne Ellul | **Editriċi tal-gazzetta:** Clare Azzopardi | **Membri tal-bord konsultattiv:** Clare Azzopardi, Leanne Ellul, Claudia Gauci, Jesmond Sharples
**Arti:** Shaun Grech | **Qarrejja tal-provi:** Claire Zerafa | **Disinn tal-logo u tal-gazzetta:** Naomi Gatt | **Stampar:** Poultons Ltd.
**Ħajr:** Kirsty Azzopardi, Carmen Baxter, Glen Calleja, Sephora Francalanza, Albert Gatt, Elizabeth Grech, Karsten Xuereb, David Muscat

© Il-kontributuri | *Il-jeddijiet ta' din il-gazzetta miżmuma minn Fondazzjoni HELA. Id-drittijiet tax-xogħlijiet li jidhru fil-gazzetta huma tal-awturi, tat-tradutturi jew tal-artisti nfushom. Din il-gazzetta qed titqassam bla ħlas bil-kundizzjoni li ma tinbiegħx u ma tiġix fotokopjata, la kif inhi u f'ebda għamla jew legatura oħra. Ma jista' jsir ebda tibdil fiha. Ebda silta minnha ma tista' tkun ippubblikata mill-ġdid jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-pubblikaturi, l-awturi, it-tradutturi u l-artisti.*

**Kuntatt ta' HELA:** contact@maltalit.com | **Is-sit ta' HELA:** www.maltalit.com | www.facebook.com/HELAMalta | www.instagram.com/helamalta